IL-BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt    website : www.birgu.gov.mt

## Minuti tal-Laqgha 30(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghal laqgha numru 30 (06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar il-Hamis 20 ta` Marzu, 2014 fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar (4.30pm)

### Prezenti

Is-Sindku John Boxall, il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsillier Lorry Attard u Anton Gellel

Is-Sur Alan Cassar dahal ghal laqgha fil-5.15pm

Is-Sinjura Lara Mascena, Deputat Segretarju Ezekuttiv

### Talba

Il-laqgha bdiet fl-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar. Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal laqgha.

### Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Gew moqrija u approvati l-Minuti tal-Laqgha 29(06) u l-Minuti tal-Kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 29(06)

**Korrispondenza**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li hemm bzonn li jsir ukoll *stair lift* iehor fil-bieb il-maggur tal-Knisja ta` San Lawrenz sabiex il-knisja tkun tista` tintlehaq minn kullimkien. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku, s-sur John Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand is-Socjeta Muzikali San Lawrenz dwar il-garaxx li l-Kunsill qieghed jikri lill-istess Socjeta. Gie deciz unanimament li jkun ahjar li l-Kunsill jaghmel laqgha mal-istess Socjeta biex jigi dikussa ahjar din is-sitwazzjoni.

Is-Sur John Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand id-Dipartiment rigward il-*perfomance bonus* tas-sena 2013 tas-Segretarja Ezekuttiv, is-Sinjorina Christine Bonello u tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto. Gie deciz unanimament li jinghata 6% *performance bonus* rispettivament.

Gie deciz unanimament li sejha ta` skrivan/a skala 15 fuq bazi *full time* ghandha ssir fi zmien opportun, fix-xhur li gejjin.

Gie deciz unanimament li taqa` sejha ta` Ufficjal Ezekuttiv skala 13 fuq bazi *full time* mal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Is-Sur John Boxall qal lill-Kunsilliera li hemm bzonn li l-Kunsill jahseb fi progett sabiex isir taht l-iskema UIF Funds, liema progett irid jigi jiswa` anqas minn ghaxar t`elef euro.

Is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera dwar il-Laqgha Annwali ghar-Residenti 2014, fejn gie deciz unanimament li laqgha issir nhar l-Erbgha 23 t`April, 2014 fis-sitta ta` filghaxija.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera dwar l-ammaont sostanzjali ta` flus li l-Kusill qieghed ihallas fix-xahar lill-kumpanija tal-*accountants* sabiex isir il-paga tal-haddiema darba fix-xahar. Is-Sindku zied jghid li hemm bzonn isir sistema fil-Kunsill stess sabiex il-pagi jibdew jinahdmu mis-Segretarju Ezekuttiv u jigu ffrankati dawn il-flus. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall qara korrispondenza li l-istess Kunsill ircieva minghand il-kumpanija *Xception Ltd*, fejn l-istess kumpanija talbet lil Kunsill sabiex twahhal hames tabelli ta` reklam madwar il-Birgu fil-postijiet indikati. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur John Boxall pprezenta kwotazzjoni tal-ghorik ta` madum li sar fi zewgt ikmamar ta` isfel fejn bhalissa qed iservu bhala Berga ta` tabib. Din il-kwotazzjoni giet approvata.

Is-Sur John Boxall qara korrispondenza dwar is-sejha li Regjun Xlokk ghamel dwar tender ta` dawl biex jinqaleb ghal sistema gdida ta` LED`s. Is-Sur John Boxall spjega jghid jekk il-Kunsill ghandhux jidhol mar-Rergjun Xlokk ghal dan tender flimkien ma` Kunsilli ohra. Wara diskussjoni, gie deciz unanimament li l-Kunsill tal-Birgu jidhol ma` Regjun Xlokk dwar dan it-tender.

Is-Sur John Boxall spjega lill-Kunsilliera li l-Kunsill bghat id-dokumenti kollha li gew mitluba minn naha tal-progett *'Fundamental Rights & Citizenship'*, fejn issa l-Kunsill qed jistenna li dan il-progett jigi approvat.

Is-Sindku, is-Sur Boxall informa lill-Kunsilliera dwar laqgha li kellhu ma` Joe Micallef minn *Joe Micallef Travel* dwar gita ta` gurnata fi Sqallija. Is-Sur Boxall zied jghid li il-kumpanija *Joe Micallef Travel* tat il-prezzijiet taghha imma gie deciz li ssir laqgha ohra sabiex jigu stabiliti prezzijiet ahjar.

Is-Sur Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva minn ghand l-Awtorita ta` Djar, fejn infurmawna li talba li l-Kunsill ghamel biex jnghata l-kumplament tal-flus ghal progett ta` parkegg fiz-zona Fuq tal-Hawli, ma gietx milqugha u approvata.

Is-Sindku, s-Sur Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand il-kumpanija *Technoline* dwar l-*AED system*, liema sistema u apparat qed jigi riklamat fil-media f`kaz li xi persuna itiha xi attakk tal-qalb jew kazi ohra simili. Is-Sur Boxall zied jghid li huwa ferm importanti li fil-lokalita tal-Birgu, propju fil-binja tal-Kunsill ghandu jkun hawn wiehed minn dan l-apparat. Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera li gie avvicinat minn naha tal-Ministeru dwar il-progett ta` *Day Centre* fil-Birgu, sabiex isir laqgha dwar dan. Matul id-diskussjoni harget l-idea li *Day Centre* jinfetah Tnejn u l-Erbgha u li jsir fejn bhalissa hemm il-*Youth*

*Centre.* Is-Sur Boxall kompla jghid li l-Ministeru lest li jghin finanzjarjament lill-Kunsill, bis-somma ta` hamsa u tletin elf euro sabiex isiru xoghlijiet kollha neccessarji relatata ma' dan is-suggett f`dan il-post. Dwar dan il-progett, gie konsultat anke l-Arcipriet. Dwar din id-decizjoni kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur John Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand id-Dipartiment dwar *'EU Funded Projects in Localities'*. Is-Sur Boxall zied jghid li huwa ferm importanti li l-Kunsill jahseb fi progetti sabiex ikun jista` japplika taht din l-iskema.

Il-Laqgha ntemmet fis-sitta u nofs ta` filghaxija (6.00pm)

| | |
|---|---|
| Lara Mascena | John Boxall |
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Sindku |